# IL-FLEJGUTA

Il-**flejguta** (jew *flejbuta*) hija tip ta' fifra, tradizzjonalment magħmula mill-qasab, li tindaqq l-istess bħalma jindaqqu s-sfafar tal-pluvieri u l-istrumenti li bl-Ingliż jissejħu *recorder* u *penny whistle.* Dawn l-istrumenti kollha ssibilhom **l-ilsien** u **l-bejta**.

Fil-gżejjer Maltin, is-sfafar tal-pluvieri kienu u għadhom isiru mill-qasab. Waqt li s-suffara tal-pluvieri jkollha toqba waħda biss, il-flejguta jkollha iżjed. It-toqob ivarjaw skond ix-xewqa ta' min qed idoqq. Aktarx li kienet tkun bi tlieta, erbgħa, ħamsa jew anki sitt toqbiet. Meta wieħed idoqq, ngħidu li **jirfes** bis-swaba' fuq il-flejguta.



Flejguta magħmula minn Joe Farrugia




*Sfafar tal-pluvieri*



*Il-flejguta*






**Doqqli Daqqa!** siltiet 15, 16

**Ir-ragħaj**

**"Noqgħodlok ma' din il-merħla**
**Qatt b'idejja m'huma marbuta!**
**Daqqa nagħlef l-annimali**
**L-oħra ndoqqlok il-flejguta."**

**(S. Meli, 1873)**

Isimgħu l-Arkivji tar-Radju tal-PBS

Tejp nru 1422
Ġużè Cassar Pullicino f'intervista ma' Anġlu Zammit *Il-Ħaħaj* 7.4.1964